MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1729/1998/1

**Mid Med Bank p.l.c. u b'nota tat-12 t'Ottubru, 1999, l-isem tal-Bank attur sar HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Socjeta` Powercrete Limited u Alfred Grixti u martu Monica Griscti, l-Avukat Dr. Patrick Spiteri ghal kull interess li ghandu u b'digriet tas-7 ta' Dicembru, 2007, l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-PL Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-kumpanija Socjeta` Powercrete Limited (C- 16119)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata s-26 t'Awwissu, 1998, li permezz taghha l-Bank attur sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi sellef lis-socjeta` “*Powercrete Limited*” is-somma ta’ tnejn u erbghin elf, disa’ mija u tlieta u sebghin Lira Maltin, (LM42,973.00), ghal liema self il-firmatarji fuq l-istess kuntratt ta’ self ghan-nom tas-socjeta` konvenuta hawn imsemmija kienu Alfred Grixti u l-Avukat Dr. Patrick Spiteri;

2. Illi skont *statement* anness mac-citazzjoni de quo, l-ammont dovut sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni in dizamina jammonta ghal sebgha u hamsin elf, mija u wiehed u sittin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu, (LM57,161.79), oltre l-imghaxijiet dovuti wara l-21 ta’ Settembru, 1997;

3. Illi s-socjeta` “*Powercrete Limited*” kienet kostitwita fit-13 t’April, 1994, fejn l-ishma taghha kienu gew sottoskritti mill-konvenuti Grixti u Spiteri ugwalment bejniethom senjatament mitejn u hamsin (250) sehem ta’ Lira Maltija (LM1) –il wiehed, kull wiehed;

4. Illi l-istess konvenuti ndikati fil-paragrafu precedenti kienu wkoll l-ewwel diretturi tal-istess socjeta`;

5. Illi sussegwentement ghas-self fuq riferit irrizulta lill-Bank attur, li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq indikati kienu ssottoskrivew ghall-ishma kollha f’”*Powercrete Limited*” ghan-nom (u cioe` bhala “*Nominees*”) ta’ certu Vere Lodder li ma kienx residenti Malta ghall-finijiet tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, (Kap 233 tal-Ligijiet ta’ Malta);

6. Illi tali sottoskrizzjoni kellha bzonn il-permess tal-Ministru tal-Finanzi, liema permess qatt ma gie mitlub;

7. Illi l-kapital kollu tas-socjeta` “*Powercrete Limited*” gie sottoskritt minn Grixti u Spiteri ghan-nom ta’ Vere Lodder minghajr il-permess tal-Ministru fuq indikat kif kien mehtieg mill-Kap 233 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq riferit, u dan, igib in-nullita` tal-formazzjoni tas-socjeta` “*Powercrete Limited*”;

8. Illi l-konvenuti Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghall-hlas tas-self fuq indikat la darba kienu huma li ffirmaw ghas-self fuq imsemmi;

9. Illi l-Bank attur lahaq ftehim mal-konvenut Spiteri ghall-hlas ta’ nofs l-ammont dovut lill-Bank, senjatament tmienja u ghoxrin elf, hames mija u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu, (LM28,580.90);

10. Illi pero`, il-konvenut Grixti ghalkemm mitlub biex ihallas lill-Bank attur in-nofs rimanenti tal-ammont dovut, baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk lil din il-qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi li l-formazzjoni tas-socjeta` “*Powercrete Limited*” hija nulla stante li l-kapital intier taghha gie sottoskritt minn Alfred Grixti u l-Avukat Patrick Spiteri ghan-nom ta’ persuna mhux residenti f’Malta, certu Vere Lodder, minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi kif rikjest mill-Att Dwar il-Kontroll tal-Kambju;

2. Tiddeciedi li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq indikati huma personalment responsabbli ghall-hlas lura tal-ammont suppost misluf lis-socjeta` “*Powercrete Limited*”;

3. Illi in vista tal-arrangamenti li l-Bank attur lahaq mal-konvenut Spiteri, tikkundanna lill-konvenut Grixti jhallas lill-Bank attur is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf, hames mija u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu, (Lm28,580.90), fuq imsemmija;

4. Illi t-talbiet suesposti qed isiru b’riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-Bank attur;

5. Bl-imghaxijiet mill-21 ta’ Settembru, 1997;

6. Bl-ispejjez kontra l-konvenut Grixti inkluzi dawk tal-Protest datat il-25 ta’ Gunju, 1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Grixti personalment datata s-16 ta’ Frar, 1999, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hi rritwali stante li mieghu kellha tigi citata martu;

2. Illi di piu`, is-socjeta` “*Powercrete Limited*” hi fi stat ta’ likwidazzjoni u ghalhekk ghandha tigi rapprezentata mill-likwidatur Albert Vella;

3. Illi t-talbiet attrici huma bla bazi legali u fattwali stante li kif jirrizulta mill-istess att tac-citazzjoni s-socjeta` attrici stess qed tiddikjara li l-ammont mitlub kien gie misluf lis-socjeta` “*Powercrete Limited*” u mhux lill-azzjonisti personalment;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess mhux minnu li l-ishma tal-“*Powercrete Limited*” gew sottoskritti mill-eccipjenti Grixti bhala *nominee* ta’ Vere Lodder u dan, apparti l-fatt li anke kieku dan kien minnu, dan seta’ jkun biss ksur tal-“*Exchange Control*”, u mhux igib in-nullita` tas-socjeta`;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Patrick Spiteri datata t-23 ta’ Frar, 1999, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati billi l-eccipjenti mhux personalment responsabbli ghall-obbligazzjonijiet tas-socjeta` msemmija fic-citazzjoni;

2. Illi l-arrangament imsemmi fic-citazzjoni sar bla pregudizzju tal-ezitu ta’ din il-kawza;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-11 ta’ Marzu, 1999, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-Bank attur, ordnat il-korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens li tizdied il-konvenuta Monica Grixti mart il-konvenut Alfred Grixti fl-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Monica mart Alfred Grixti datata t-13 ta' Mejju, 1999, li permezz taghha sintetikament eccepiet:

1. Illi s-socjeta` "*Powercrete Limited*" hi fi stat ta' likwidazzjoni u ghalhekk ghandha tigi rapprezentata mill-likwidatur hemm indikat biex il-gudizzju jkun integru;

2. Illi di piu`, t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-istess socjeta` attrici qed tiddikjara li l-ammont mitlub kien gie misluf lis-socjeta` "*Powercrete Limited*" u mhux lill-azzjonisti personalment;

3. Illi mhux minnu li l-ishma tas-socjeta` "*Powercrete Limited*" gew sottoskritti mill-azzjonisti bhala "*nominees*" ta' Vere Lodder, u dan, apparti l-fatt li kieku dan kien minnu dan seta' biss ikun ksur tal-"*Exchange Control*" u mhux igib nullita` tas-socjeta`;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata t-12 t'Ottubru, 1999, li permezz taghha nfurmat il-qorti li isimha kien ha jinbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1999;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenut Grixti datat it-3 t'April, 2000, li permezz tieghu nforma lill-qorti li Alfred Vella fuq gia` riferit, kien irrizenja minn stralcjarju tas-socjeta` "*Powercrete Limited*";

Rat in-nota tal-HSBC Bank Malta p.l.c. datata t-18 t'April, 2000, fejn wara li giet hekk ordnata minn din il-qorti diversament preseduta datata t-3 t'April, 2000, ipprezentat kopja legali tal-atti pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 13/99 fl-istess ismijiet, ipprezentat kopja tal-atti relattivi fl-atti ta' din il-procedura;

Rat il-verbal datat it-30 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu il-qorti giet infurmata li l-Mandat t'Inibizzjoni gie deciz fil-31 ta' Lulju, 2000, mill-qorti tal-Appell;

Rat id-digriet taghha tal-istess 30 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu kkonfermat l-ordni taghha li l-atti tal-

Mandat indikat fil-paragrafu precedenti jigu allegati mal-atti ta’ din il-kawza;

Rat l-ordni ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-7 ta’ Dicembru, 2007, li permezz tieghu gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta “*Powercrete Limited*”, (ara fol 337 et sequitur);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata d-29 t’Ottubru, 2008, li permezz tieghu l-kuraturi deputati nominati sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz;

2. Illi jirrizervaw li jipprovdu dwar l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-digrieti ta’ din il-qorti diversament preseduta datata l-10 ta’ Dicembru, 2009, u l-4 ta’ Novembru, 2010, li permezz taghhom hatret assistent gudizzjarju ghall-iskopijiet hemm indikati;

Rat id-digriet tal-istess qorti datat id-19 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu rrevokat l-inkarigu precedentement moghti lill-istess assistent gudizzjarju;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju nominat;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-Bank attur, datata l-24 ta’ Mejju, 2012, tal-konvenut Alfred Grixti, datata t-28 ta’ Gunju, 2012; u tal-Kuraturi Deputati datata t-2 ta’ Lulju, 2012;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fit-13 t'April, 1994, giet kostitwita s-socjeta` konvenuta "*Powercrete Limited*" skont il-ligi, b'kapital ta' hames mitt Lira Maltin, (LM500,00), maqsuma f'hames mitt (500) sehem ta' Lira Maltin, (LM1.00), 'il wiehed;

2. Illi l-imsemmija ishma gew sottoskritti mill-konvenuti Alfred Grixti u Patrick Spiteri ugwalment bejniethom li kienu wkoll l-ewwel diretturi tal-istess socjeta`;

3. Illi fit-18 t'April, 1994, il-Bank attur silef lill-istess socjeta` hawn fuq indikata mitt elf u mitt Ewro u sittax –il centezmu, (€100,100.16), li bl-imghax dovut sa meta giet ipprezentata l-kawza odjerna, kienet zdiedet ghal mija u tlieta u tletin elf, mija u wiehed u hamsin Ewro u hmistax –il centezmu (€133,151.15), u li ghal dan is-self kienu ffirmaw ghalih il-konvenuti Grixti u Spiteri;

4. Illi fit-28 ta' Dicembru, 1995, iz-zewg konvenuti diretturi kienu rrizenjaw minn din il-kariga u ghamlu, u ffirmaw, rizoluzzjoni li permezz taghha tpogga direttur flokhom Vere Lodder;

5. Illi wara li kien gie konkluz is-self fuq riferit, kien irrizulta li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq riferiti kienu ssottoskrivew ghall-ishma taghhom in dizamina lil certu Vere Lodder li ma kienx residenti Malta, u dan, minghajr ma ottjenew il-permess mill-"*Exchange Control Division*" tal-Bank Centrali ta' Malta, liema permess hu necessarju biex persuna li mhix residenti Malta tkun tista' tissottoskrivi ghal ishma f'kumpanija registrata lokalment;

6. Illi dan il-fatt jirrizulta li kien ben risaput mill-konvenuti Grixti u Spiteri kif anke jirrizulta mill-minuti tal-laqghat bejnhom u l-bank attur, ipprezentati in atti f'din il-procedura;

7. Illi l-iskop wara t-twaqqif tas-socjeta` konvenuta "*Powercrete Limited*" jirrizulta li kien biss biex jippermetti lil Vere Lodder jinnegozja fit-territorju Malti;

8. Illi pero`, jirrizulta li dan Lodder ma kienx persuna residenti f'Malta (ara fol 62 et sequitur), u ghalhekk ai fini tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferiti, dan ma setax jissottoskrivi ghall-ishma in dizamina jekk ma jkollux minn qabel il-*fiat* tal-Ministru tal-Finanzi skont il-ligi – *fiat* li mhux biss ma kellux, izda li jirrizulta li lanqas biss talab;

9. Illi di piu`, jirrizulta wkoll li ma saret l-ebda applikazzjoni ai fini tal-"*Exchange Control*" li kienet tapplika dak iz-zmien, mal-Bank Centrali ta' Malta f'isem is-socjeta` "*Powercrete Limited*";

10. Illi konsegwentement, la s-socjeta` "*Powercrete Limited*" ma kinitx munita bil-permessi necessarji fuq indikati, allura l-uniku skop ghall-formazzjoni taghha kien biex tiffinanzja n-negozju ta' persuna mhux residenti Malta;

11. Illi ghalhekk is-socjeta` "*Powercrete Limited*" hi nulla u ghalhekk, il-konvenuti Alfred Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont lilhom misluf mill-Bank attur gialadarba kienu ffirmaw ghalih;

12. Illi kif jirrizulta mill-ittra datata s-27 ta' Jannar, 1998, (ara fol 97 u 98 et sequitur), il-konvenut Spiteri accetta li jaghmel tajjeb personalment ghas-sehem tieghu mis-self in dizamina kif minnu stess liberament attestat mill-firma tieghu fuq iz-zewg pagni tal-istess dokument;

13. Illi l-ammont misluf lill-konvenuti qatt ma gie wtilizzat ghall-iskop li kien originarjament minnhom intqal li ser jintuza;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi permezz ta’ twaqqif ta’ socjeta` fil-minimu kostruttiv taghha, l-konvenuti Alfred Grixti u Spiteri jidher li ttentaw jaggiraw lill-Bank attur biex jipperswaduh isellifhom l-ammont meritu ta’ din il-kawza;

2. Illi fir-rigward tal-konvenut Spiteri, l-oggezzjonijiet minnu esposti f’din il-procedura huma kollha minghajr effett stante li l-ftehim li hu issottoskriva fis-27 ta’ Jannar, 1998, jikkontradixxi ghal kollox din il-linja, u jakkollah b’responsabbilita` li ma jistax jezimi ruhu minnha;

3. Illi rigward il-konvenut Grixti ghandu jinghad li l-allegazzjonijiet indirizzati mill-Bank attur fil-konfront tieghu jirrizultaw ipprovati skont il-ligi stante li l-povi prodotti juru s-segwenti:

i. Illi mal-konvenut Spiteri hu waqqaf is-socjeta` “*Powercrete Limited*” bil-minimu finanzjarju possibbli;

ii. Illi ghalkemm kien jaf li kellu cittadin esteru li kien ried li jinvolvi fl-imsemmija socjeta`, dan naqas li jinvolvieh skont id-dettat tal-ligijiet vigenti f’dak il-perjodu;

iii. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` li hu u l-konvenut Spiteri assumew mal-Bank attur, gew minnhom assunti personalment u mhux taht is-sotterfug li riedu jistahbew tahtu;

iv. Illi in effetti, tali sotterfug hi ovvjament ta’ indole kriminali u tawspika lil min hu dovut, ghandu janalizza l-operat de quo anke minn din l-ottika;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti Alfred u martu Monica Grixti rigwardanti l-

irritwalita` tal-procedura odjerna ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi rigwardanti l-htiega tal-involviment ta' mart il-konvenut Grixti f'din il-procedura ghandu jinghad li dan gie sorvolat fil-11 ta' Marzu, 1999, meta l-qorti diversament preseduta ordnat il-korrezzjoni mitluba biex tizdied il-konvenuta Monica Grixti mal-konvenuti l-ohra;

2. Illi rigward ir-rapprezentanza tas-socjeta` "*Powercrete Limited*" kwalunkwe difett li seta' kien hemm kien gie debitament superat bil-hatra ta' kuraturi deputati li effettivament ippartecipaw f'din il-procedura;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti kollha, u filwaqt li takkolji t-talbiet tal-Bank attur:

1. Tiddikjara li l-formazzjoni tas-socjeta` "*Powercrete Limited*" hija nulla stante li l-kapital intier taghha gie sottoskritt minn Alfred Grixti u Patrick Spiteri ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta, certu Vere Lodder, minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi kif rikjest mill-Att Dwar il-Kontroll tal-Kambju;

2. Tiddikjara li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq indikati huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont suppost misluf lis-socjeta` "*Powercrete Limited*" fuq indikat;

3. Illi tikkundanna lill-konvenut Alfred Grixti u martu Monica Grixti biex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u tlieta u tletin elf, mija u wiehed u hamsin Ewro u hmistax –il centezmu, (€133, 151.15);

4. Illi tiddikjara, kif mitluba, li mhix qed taghmel l-ebda provediment simili fil-konfront tal-konvenut Spiteri stante l-arrangament li dan il-konvenut ghandu mal-istess Bank attur datat is-27 ta' Jannar, 1998;

5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, nkluz il-protest tal-25 ta' Gunju, 1998, kontra l-konvenuti Alfred

Grixti u Patrick Spiteri, u bl-imghaxijiet legali nvoluti fuq is-somma fuq indikata kontra l-konvenuti Alfred u martu Monica Grixti sad-data tal-effettiv pagament.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------